

# Pittura fil-Knisja Parrokkjali

## – *Francesco Zahra u Gian Nikol Buhagiar*

**Rosario Mizzi** B.Sc. (Hons) Comm Ther MA (Ling)

Fl-edizzjoni tal-2005 ta' dan il-ktieb, li jiġi ppubblikat fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp f'Ħal Għaxaq, kont ktibt artiklu dwar il-kwadri titulari tal-artali li jdawru l-knisja parrokkjali tagħna. F'dan l-artiklu konna tajna ħarsa lejn id-dati tal-kwadri u tkellimna fuq l-artisti li setgħu kienu pittruhom lejn in-nofs tas-seklu tmintax. Pero f'dan l-artiklu konna semmejna kemm-il darba, li ma kellniex informazzjoni eżatta fuq minn kienu l-artisti ta' dawn id-disgħa kwadri.

Matul is-sena 2009 u 2010 ġew ippubblikati żewġ kotba interessanti u riċerkati tajjeb ħafna mill-istess awtur Dr Keith Sciberras. Dawn iż-żewġ kotba, *Baroque Painting in Malta* (2009) u *Francesco Zahra 1710-1773* (2010) jitfgħu diversi dawl ġdid fuq il-kwadri li jżejnu l-altari fil-knisja tagħna. Mhux biss jagħtu konferma fuq informazzjoni li ġa kellna jew li konna qed nassumu, imma anke wasslu informazzjoni ġdida li qabel kellna diversi dubji fuqha. Għalhekk kien xieraq li din is-sena nerġa nitratta dan is-suġġett u nwasslu konklużjonijiet ġodda li nsibu f'dawn iż-żewġ kotba ta' Dr. Keith Sciberras mill-Università ta' Malta.

## Introduzzjoni għal Dr Keith Sciberras

Dr Sciberras huwa isem marbut sewwa mal-istorja tal-arti f'pajjiżna. Huwa għamel diversi studji fl-Università ta' Malta u ppublika diversi kotba li fihom ttratta diversi aspetti mill-istorja tal-arti f'pajjiżna. Il-kotba tiegħu huma dejjem studjati tajjeb u riċerkati b'mod dettaljat. Fost il-kotba li ppubblika nsibu kotba fuq l-iskultur Melchiorre Gafà u l-pittur Michelangelo Merisi da Caravaggio. Il-kotba *Baroque Painting in Malta* (2009) u *Francesco Zahra 1710-1773* (2010) huma l-aktar żewġ xogħlijiet reċenti ta' dan l-awtur.

## Il-kwadri tal-altari tal-knisja

Il-knisja tagħna hija mdawra minn tmien artali laterali u artal titulari fil-Kor. L-altar tal-Kor juri l-Assunzjoni ta' Marija, it-Titular tal-parroċċa tagħna. Il-kwadri tal-ġnub huma ddedidati lil Kunċizzjoni, Trinità Qaddisa, Sant Anna, Annunzjata, San Ġużepp, Madonna tal-Karmnu u żewġ Kappelluni tal-Agunija u tal-Madonna tar-Rużarju. Kull wieħed minn dawn l-altari huwa mżejjen bi kwadru kbir ta' still barokk. B'xorti tajba dawn l-altari u l-kwadri tagħhom huma dawk l-oriġinali li saru fin-nofs tas-seklu tmintax u li b'kuntrarju għal diversi knejjes oħra dawn qatt ma nbidlu. Nistgħu ngħidu li dawn il-kwadri huma ta' still komuni; barokk fl-aqwa tiegħu u jixxiebħu ħafna kemm fl-istil kif ukoll fit-teknika. Ir-raġuni ta' dan hija li dawn il-kwadri kienu kollha f'posthom f'madwar tletin sena u kollha ħarġu minn idejn żewġ artisti; Ġan Nikol Buhagiar u Francesco Zahra. L-uniku eċċezjoni huwa l-kwadru tal-Kunċizzjoni li jinsab fuq il-lemin tal-bieb il-kbir li huwa xogħol Rokko Buhagiar. Dan il-kwadru tlesta fl-1775 proprju wara l-mewt ta' Zahra li ġrat fl-1773. Jista' jagħti l-każ li anke dan il-kwadru kien ikkommisjonat lil Francesco Zahra imma ma laħaqx wettqu minħabba l-mewt tiegħu f'età relattivament żgħira.

## Min kienu l-awturi tal-kwadri tal-knisja ta' Ħal Għaxaq?

Ġan Nikol Buhagiar u Francesco Zahra kienu artisti kontemporanji. Għal xi żmien Zahra u Buhagiar ħadmu flimkien, imma wara bdew jaħdmu separati. Jidher li dawn l-artisti ma kinux rivali, anzi kienu anke jiġu minn xulxin minn nisa tagħhom. Mhux l-ewwel darba li dawn l-artisti ħadmu fl-istess knisja fl-istess żmien imma fuq xogħlijiet diversi. Hekk ġara fiż-Żejtun u anke f'Ħal Għaxaq. Bis-saħħa tax-xogħol ta' Dr. Keith Scibberras issa nistgħu ngħid b'ċertezza kull kwadru minn pittru, waqt li d-dati tal-kwadri huma mpittra fuq il-kwadri nfushom. L-uniku eċċezjoni huwa l-kwadru tal-Agunija li mhux datat imma li nistgħu naghtuh data skont id-dati tal-kwadri l-oħra. Fit-tabella ta' hawn taħt ser niġbru xogħolijiet diversi taħt l-isem tal-awtur li pittirhom. L-informazzjoni li tidher fit-tabella ta' hawn taħt hija kollha meħuda mill-kotba ta' Dr. Sciberras li semmejna aktar 'il fuq.

## Gian Nikol Buhaġiar

L-Assunta (Kwadru Titulari)

1745

Marija fiċ-ċentru tal-kwadru milqugħa mis-Santissma Trinità u mdawra mill-anġli. Fil-parti ta' isfel jidhru l-appostli jħarsu lejn il-qabar vojt. Dan il-kwadru huwa xogħol tipiku ta' Buhagiar li qisu jibża jħalli xi rokna vojta tal-kwadru. Il-figuri huma kollha fuq xulxin kważi f'ġeġwiġija sħiħa.



L-Agunija (kappellun tal-Agunija)

c.1743

Ġesù fuq is-salib jimla l-parti ċentrali tal-kwadru u jgħaqqad l-art (fejn hemm Marija, Ġwanni, l-Madalena u s-suldati) mas-sema fejn jidher il-missier etern mdawwar bi glorja ta' anġli. F'dan il-kwadru tispikka karatteristika oħra ta' Buhagiar fil-figuri twal, kważi mġebbdin iżżejjed.

Ġesù mgħobbi s-salib

(Kwadru laterali fuq il-bieb tas-sagristija)

?

Ġesù jimla l-kwadru kollu, imma Buhagiar għal darba oħra jibża jħalli xi ħaġa vojta. Jimla l-isfond tal-kwadru bis-suldati jmexxu lil Ġesù fit-triq tal-kalvarju

## Francesco Zahra

Sant' Anna (Kappellun tar-Rużarju)

1741

Il-kwadru huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fin-naħa ta' fuq naraw lil Sant'Anna flimkien mal-Madonna u l-Bambin. Fin-naħa ta' isfel naraw lil San Ġwann il-Battista u l-erwieħ tal-purgatorju li fl-antik kien hawn qima kbira lejhom fir-raħal tagħna.

Annunzjata (Kappellun tal-Agunija)

1744

Il-kwadru juri lill-anġlu Gabriel iħabbar lil Marija li ser issir omm Alla. Dan il-kwadru huwa mimli simboliżmu ħelu tipiku ta' Zahra fosthom żewġ anġli jitwu l-ħrieqi biex ifissru l-messaġġ li qed iwassal Gabriel. Sfortunatament dan il-kwadru ġie rrestawrat fil-passat b'mod li ma tantx jaqbel mal-pittura orriġinali. Dan jidher b'mod speċjali fuq il-libsa tal-Madonna.

Madonna tar-Rużarju (Kappellun tar-Rużarju)

1748

Wieħed mill-isbaħ xogħlijiet ta' Zahra. Il-Kwadru juri l-Madonna u l-Ġesù jagħtu l-kuruna lil San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Fil-parti ta' fuq naraw glorja ta' anġli jżommu kwadretti żgħar bil-misteri tar-rużarju li jiffurmaw qisa tribuna madwar il-Madonna u binha Ġesù. Għal dan ix-xogħol Zahra tħallas 106 skud (100 skud tħallsu minn Pietro Xicluna u 6 mill-Fratellanza) (Sciberras, 2010, 160) u l-kwadru twaħħal f'postu fit-2 ta' Jannar 1749.

San Ġużepp (Korsija)

1750

Kwadru interessanti ħafna ta' Zahra li juri lil



Ġużeppi bil-Bambin Ġesù fin-nofs tal-kwadru. Ġużeppi huwa mdawwar b'martu Marija u l-figura tal-anġlu kustodju li kellu qima speċjali fuq l-altar ta' San Ġużepp mit-tieni knisja parokkjali. Il-parti ta' fuq tal-kwadru huwa mimli bil-Missier Etern miżmum mil-anġli fil-waqt li qed jitpaxxa bit-trinità tal-art. F'dan il-kwadru nsibu dettalji interessanti forma ta' 'still lives' li Zahra kien iħobb idaħħal fil-kwadri tiegħu. Dan nistgħu narawh fil-grupp ta' għodda ħdejn sieq Ġużeppi kif ukoll fil-kolonna mkissra wara Marija.

Trinità Qaddisa (Korsija)
1759
Ġesù Salvatur jokkupa l-parti ċentrali tal-kwadru. Fin-naħa ta' fuq jidhru l-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu. Fin-naħa ta' isfel jidhru Sant'Antnin ta' Padova u San Gejtanu.

Madonna tal-Karmnu
1765
Il-Madonna u l-Bambin huma bilqiegħda fuq tron u jidhru qed jagħtu l-laptu tal-Karmnu lil San Xmun Stokk. Jidhru wkoll il-qaddisin Santu Rokku, San Girgor il-Kbir u qaddis dumnikan

Salvatur ma' Santa Katarina ta' Lixandra
1749
Dan huwa kwadrett li jinsab ħdejn il-kwadru tar-Rużarju u juri lil Santa Katarina ta' Lixandra sserraħ rasha fuq Kristu s-Salvatur l-għarus mistiku tagħha. F'Lulju 2009 dan il-kwadru ġie rrestawrat minn Sabine Azzopardi u reġa' ħareġ is-sbuħija tiegħu. Minn dan ir-restawr skoprejna li l-kwadru kien tħallas min Gio Maria Zammit fl-1749.

San Remigio u Santu Wistin
Kwadrett fil-Kor maġenb il-Kwadru Titulari li juri żewġ qaddisin fil-glorja tas-sema.

Sant Injazju u San Franġisk Borgia
Kwadrett fil-Kor li pariġġ l-ieħor juri ż-żewġ qaddisin fis-sema.

San Alwiġi
Tondo li fl-antik kien kwadrett fuq wieħed mil-altari tal-ġnub. Dan il-qaddis kellu qima kbira fil-parroċċa u anke kien hawn Fratellanza żgħira marbuta ma' dan il-qaddis. Illum il-kwadretti tal-altari tneħħew u dan il-kwadru jinsab konservat fis-sagristija.

## Rocco Buhagiar



Kunċizzjoni
1775
Dan il-kwadru jinsab fuq l-altar ta' ħdejn il-bieb il-kbir u juri l-Kunċizzjoni ma' Sant'Andrija u San Nikola. Mad-daqqa t'għajn wieħed mill-ewwel jinduna li dan ix-xogħol huwa differenti mill-kumplament tal-kwadri speċjalment fil-kuluri aktar ċari u vivaċi li jitfgħu aktar dawl mill-kwadri ta' Zahra u Ġian Nikol.

Il-Qalb ta' Ġesù
c.1776
Kwadrett li jinsab taħt il-kwadru tal-kurċifiss. Dan huwa kopja tal-Qalb ta' Ġesù ta' Guido Reni f'Ruma.

Lapsi
c.1776
Kwadrett li jinsab taħt il-kwadru tar-Rużarju. Għal darba oħra jispikkaw il-kuluri friski u mdawlin assoċjati ma' Rokko Buhagiar.

Il-Kappella ta' San Filippu Neri
Fil-parroċċa nsibu xogħol ieħor ta' Rokko Buhagiar fil-kappella ta' San Filippu. Dan ix-xogħol sar lejn l-aħħar tas-seklu tmintax u għal din il-kappella Rokko pitter kwadru titulari ta' San Filippu mal-Madonna u l-Bambin flimkien ma' żewġ kwadretti fuq kull naħa tal-kwadru li juru lil San Ġużepp u San Alwiġi: żewġ qaddisin li fir-raħal kellhom qima speċjali.

## Konklużjoni

Issa li għandna informazzjoni aktar ċerta fuq l-artisti tal-kwadri li jżejnu t-tempju tagħna, wieħed japprezza aktar il-valur ta' dawn il-kwadri li b'xorti tajba waslu għandna wara aktar minn 250 sena. Nistgħu ngħidu li l-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq hija mużew ta' Francesco Zahra għax ftit knejjes oħra għandhom numru daqshekk kbir ta' xogħolijiet ta' dan l-artist taħt saqaf wieħed. Għandna ħjiel ukoll li Zahra kellu parti fid-disinn tal-iskultura tal-knisja, speċjalment dik tal-kappelluni. L-uċuħ tal-anġli u l-pożizzjoni tad-drapp u l-komplament ta' ġisimhom kollha jfakkruk fil-figuri li jidru fix-xogħlijiet ta' Zahra.

Għalkemm Zahra huwa magħruf l-aktar bħala pittur, huwa dokumentat li Zahra kompla fuq il-passi ta' missieru Pietro Pawlo Zahra u ħadem diversi prospettivi ta' artali fil-knejjes tagħna. Iż-żmien li fih saret l-iskultura fil-knisja tagħna, li kienet kollha lesta sal-1777, ukoll jidħol fiż-żmien meta Zahra kien fl-aqwa tiegħu. Fl-aħħar u mhux l-anqas, hemm xebħ enormi bejn il-missier etern fil-pittura ta' San Ġużepp u dak skolpit fuq il-Kwadru tal-Agunija.

Wieħed irid jistenna aktar riċerka fuq dan il-qasam biex tiġi kkonfermata jew rifjutata din it-teorija, imma żgur li l-id li naqxet l-iskultura tal-knisja kienet b'xi mod influwenzata mill-kwadri ta' Zahra.

Hekk kif tlesta x-xogħol fuq il-bini tal-knisja l-Għaxqin fittxew l-aqwa artisti biex iżejnu t-tempju tagħna. Francesco Zahra kien fl-aqwa tiegħu f'dak iż-żmien; b'kummissjonijiet fl-akbar knejjes ta' Malta fosthom il-Katidral tal-Imdina u l-Bażilika ta' Birkirkara. L-Għaxqin ma qagħdux iqisu ruħhom bħala parroċċa żgħira imma huma wkoll fittxew l-aħjar. Dawn il-kwadri b'xorti tajba qatt ma nbidlu u fil-biċċa l-kbira tagħhom għadhom fis-stat oriġinali tagħhom. Ħafna minnhom però għandhom bżonn intervent ta' restawr speċjalment f'tindif minn ħmieġ u verniċ li akkumula fuqhom matul is-snin. Jalla dejjem insibu minn japprezza t-teżori kbar li nsibu fil-knisja tagħna u nieħdu ħsiebhom biex ngħadduhom lil uliedna kif ta' qabilna għaddewhom lilna.

**Noti:**

Sciberras, K., *Baroque ainting in Malta*, Malta, 2009, pp. 262, 264, 297, 372, 411, 415, 421.

Sciberras, K., *Francesco Zahra 1710-1773*, Malta, 2010, pp. 27, 28, 75, 77, 79, 160, 164, 176, 216, 222, 228, 232, 248, 252, 253

Azzopardi, S., *Rapport ta' Konservazzjoni tal-Kwadru ta' Santa Katarina ta' Lixandra*, Parroċċa Għaxaq, 2009

## Maratona bir-roti għat-tfal

**Il-Ħadd 22 ta' Mejju fid-9.30am**




MARIO UPHOLSTERY

XOGĦOL TA' SALOTTI U TISWIJIET
CORNERS SKONT IL-QISIEN TAL-KAMRA
RECLINERS U SOFABEDS

Workshop: 4, Triq E. Attard Bezzina, Żejtun
Tel: 2180 0462, 2167 3516 Mob: 7971 0938
E-mail: adrabela@maltanet.net